# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 20 ta' Marzu,2002**

**Numru 6**

**Avviz. numru 920/00mm**

**Pauline Victoria Cordina**

**vs**

**Carmen Cortis**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-attrici fl-20 ta' Lulju 2000 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuta li thallas lill-attrici d-danni lilha kagunati fl-ammont taht l-elf lira Maltin (Lm1000) prevja dikjarazzjoni li l-konvenuta kienet responsabbli ghall-incident u prevja dikjarazzjoni mill-Onor. Qorti jew okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi ta' dawn, l-istess danni gew ikkawzati mill-konvenuta wara ncident stradali li sehh fil-21 ta' Lulju 1998 gol-Imtarfa bejn LAB 734 misjuqa mill-attrici u EAD 538 misjuqa mill-konvenuta. Il-konvenuta kienet responsabbli ghall-incident

minhabba imperizja, negligenza, traskuragni u inosservanza tar-regolamenti u responsabbli ghal konsegwenzjali danni.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 20 ta' Lulju 2000 kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuta ai termini tal-Kap 104 u l-ittra ufficjali mibghuta lill-konvenuta kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn eccepiet:-

1. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess attrici, stante li l-incident de quo sehh minghajr ebda tort imputabbli lill-eccipjenti, izda sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza, imperizja jew nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess attrici, kif jista jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi dwar l-istess incident li ghalih issir referenza fl-avviz, diga hemm proceduri pendenti quddiem din l-istess Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet "Fogg Insurance Agency Ltd vs Pauline Victoria Cordina" (Avviz 6/00SM), u ghalhekk hemm lok illi dan il-kaz jigi mibghut quddiem din l-istess Qorti kif hekk diversament preseduta ghal finijiet ta' l-Artikolu 792 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fuq imsemmija deciza fis-27 ta' Novembru 2001 fejn ir-responsabbilta' ta' dan l-

incident giet ripartita kwantu ghal nofs fuq l-attrici Pauline Victoria Cordina u n-nofs l-iehor fuq il-konvenuta Carmen Cortis.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi s-sentenza fuq imsemmija ikkunsidrat propju dan l-incident bejn l-istess partijiet u kif inghad wasslet ghall-konkluzzjoni li l-htija ta' dan l-incident kellha taqa fuq iz-zewg sewwieqa li kwoti ugwali.

Ovvjament din il-Qorti kif diversament preseduta mhix sejra tiddisturba din il-konkluzzjoni darba issa gia hemm gudizzju definittiv fuq din il-vertenza u jkun gust u ekwu li taghmel taghha l-istess decizzjoni u argumenti migjuba.

Ghaldaqstant tiddikjara li ghal fini ta' responsabbilta' l-partijiet huma responsabbli ghall-istess fi kwoti wgwali.

Ghal dak li jirrigwarda d-danni rrizulta mid-dokumenti esebiti (Dok PC 1 u PC 2) li l-attrici sofriet danni fl-ammont ta' seba' mija u sitta u hamsin lira u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm756.27c) [inkluzi ghaxart ijiem *"loss of use"* bir-rata ta' Lm5 kull jum]. Din ic-cifra mhix kontestata u ma hemm l-ebda raguni l-ghala din il-Qorti m'ghandhiex tehodha bhala l-bazi ghall-likwidazzjoni fil-kwoti fuq imsemmija.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi,

Illi tiddikjara lill-partijiet ugwalment responsabbli ghall-incident li sehh fil-21 ta' Lulju 1998 fi Triq Sir Arthur Freemantle, Mtarfa bejn il-vettura EAD 538 misjuqa minn Carmen Cortis u LAB 734 mijsuqa mill-attrici u dana minhabba traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taz-zewg sewwieqa.

Tillikwida d-danni subiti mill-attrici fl-ammont ta' tlett mija tmienja u sebghin lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm378.13c) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuta li thallas lill-attrici dan l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz li ghandhom jinqasmu kwantu ghal nofs kontra l-attrici u nofs kontra l-konvenuta.

Anthony Zammit

Dep Reg